**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**Illum 02 ta' Jannar, 2020**

**Mandat Nru: 236/2019/2 AF**

**Diandra Dimech**

**vs**

**Matthew Dimech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Diandra Dimech, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet lil din il-Qorti zzomm lil Matthew Dimech milli jkompli jopera fond kummercjali 50th Bistro, ix-Xatt tal-Birgu, Birgu u sabiex il-fond jinghalaq fl-intier tieghu.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ta' Matthew Dimech.

Rat id-dokument anness.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Il-Qorti tibda billi turi t-thassib taghha dwar il-prassi ta' kif dan ir-rikors gie assenjat lil din il-Qorti meta, kif giet infurmata l-Qorti mill-istess partijiet, digà jezistu pendenti proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll diversi atti kawtelatorji ohra. Din il-Qorti tqis li kien ikun aktar ghaqli li dan ir-rikors jinstema' u jinqata' minn dik l-istess Qorti li digà ghandha quddiemha stampa aktar kompleta tas-sitwazzjoni tad-dizgwid familjari bejn il-partijiet.

Dan premess il-Qorti kkunsidrat illi l-Art. 873 jipprovdi testwalment illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Ir-rekwiziti tal-ligi fil-kuntest, kif konsistentement applikati minn dawn il-Qrati huma maghrufa sew. Il-Qorti tirreferi, fost ohrajn, ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Mugliett vs Bonnici (25 ta' Jannar 2005).

Fil-kaz in ezami, il-Qorti tqis li l-vot tal-ligi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma giex sodisfatt mir-rikorrenti. Il-Qorti hija tal-fehma li ma giex pruvat, lanqas mad-daqqa t'ghajn, dak il-pregudizzju irrimedjabbli li trid il-ligi. Lanqas ma tqis ghaqli f'dan l-istadju li twaqqaf ghal kollox l-operat ta' negozju li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti meta jirrizulta li qeghdin isiru tentattivi sabiex il-vertenza tigi rizolta bonarjament.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba ta' Diandra Dimech kif kontenuta fir-rikors tagħha tal-14 ta' Novembru 2019.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Il-Qorti tordna li dan id-digriet jiġi komunikat lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

IMĦALLEF